IL-BIRGU
Citta' Vittoriosa

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Birgu

# It-Tmien Legislatura

# Laqgħa Numru 17 - Kontinwazzjoni

Il-Kunsill Lokali Birgu ltaqa' għal din il-laqgħa b'mod virtwali (online) minħabba l-imxija tal-COVID-19, fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija (5:30pm) l-Erbgħa 1 ta' April 2020.

**PREŻENTI:**

Is-Sur John Boxall – Sindku
Is-Sur Christopher Cassar – Vici-Sindku
Is-Sur Anton Gellel - Kunsillier
Is-Sur Trevor Mizzi – Kunsillier

**SKUŻAT B'APOLOĠIJA:**

Is-Sur Jason Portelli – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sur Christian Raggio Vella – Aġent Segretarju Eżekuttiv

**MINUTI**

Is-Sindku s-Sur John Boxall qal it-talba u ppresedja l-laqgħa.

Is-Sindku nforma lil dawk preżenti li s-Sur Jason Portelli talab biex jiġi skużat minħabba problemi tekniċi li ma setax jirranġa sabiex jingħaqad fil-laqgħa.

**17.5 Korrispondenza - kontinwazzjoni**

17.5.35 Preżentata korrispondenza mibgħuta mill-Mayors for Peace sabiex titħallas il-miżata annwali ta' madwar tmintax-il Ewro (€18). Kien hemm qbil sabiex din titħallas.

17.5.36 Preżentata korrispondenza; Cir AKL 2019/51 Inizjattiva MCCF 2019; sabiex is-Sindku u l-kunsilliera jikkonfermaw li jagħtu żewġ ewro u tlieta u tletin ċenteżmu (€2.33) kull xahar mill-onorarja/salarju tagħhom b'risq il-Communitu Chest Fund.

17.5.37 Preżentata korrispondenza mibgħuta mingħand Christian Raggio f'isem il-Kumitat Festi Esterni San Lawrenz dwar il-ħofor u t-tappieri tal-arbli tal-festa. Is-Sindku nforma lis-Sur Anton Gellel sabiex jinbeda x-xogħol u jsiru t-tappieri għall-ħofor tal-arbli li għadhom mingħajr tappiera skont in-numru ta' tappieri li għandu bħalissa l-kunsill għad-dispożizzjoni.

17.5.38 Preżentata korrispondenza mibgħuta mill-Assoċċjazzjoni ALDA dwar sejħa għall-partners fil-proġett NETWORKS OF TOWNS PROJECT - EU FOR CITIZENS PROGRAMME. Is-Sindku nforma lill-kunsilliera preżenti li ntbagħtet korrispondenza lura sabiex bħala Kunsill Lokali tal-Birgu, nuru interess f'dan il-proġett. S'issa ma kienet għadha ma waslitx l-ebda risposta.

17.5.39 Preżentata korrispondenza mibgħuta mill-Assoċċjazzjoni ALDA dwar sejħa għall-Best Regional Practices Award. Is-Sindku flimkien mal-kunsilliera preżenti qablu li nipparteċipaw.

17.5.40 Preżentata korrispondenza mibgħuta mill-grupp 'Azzjoni: Tuna Artna Lura' sabiex jintwera tħassib dwar ix-xiri ta' ħamsin fil-mija (50%) mis-shipyard ta' Palumbo mill-kumpanija MSC Cruises SA.

17.5.41 Preżentata korrispondenza mibgħuta mill-Malta Libraries dwar allokazzjoni ta' elf Ewro (€1000) lill-Kunsill Lokali tal-Birgu sabiex jinxtraw kotba ġodda għal-Librerija Reġjonali tal-Birgu. Is-Sindku bgħat korrispondenza lura

biex jara hux possibli li dawn il-flus jistgħux jintużaw biex ikompli jsir xogħol ta' rigenerazzjoni tal-librerija liema talba ma ġietx aċċetata. Is-Sindku appunta lis-Sur Trevor Mizzi sabiex jieħu ħsieb jagħmel lista ta' kotba li jistgħu jinxtraw għal-Librerija biex dawn il-fondi ma jintilfux.

17.5.42 Preżentata korrispondenza mibgħuta mill-Protezzjoni Ċivili bħala tweġiba għat-talba tal-Kunsill Lokali tal-Birgu biex jitnaddaf u titranġa l-ħsara li hemm fil-ġibjun tal-Berġa ta' Franza. Il-Protezzjoni Ċivili wieġbet li dan ix-xogħol ma tagħmlux. Is-Sindku appunta lis-Sur Anton Gellel sabiex isib lil xi ħadd li jista' jagħmel dan ix-xogħol u jtina stima. B'hekk il-ġibjun jerġa' jibda jintuża u jiġi ffrankat ħafna ilma. Is-Sindku flimkien mal-kunsilliera preżenti qablu unanimament li jsir dan ix-xogħol fil-ġibjun.

17.5.43 Preżentata korrispondenza mill-Assoċjazzjoni ALDA dwar l-Annual Ordinary General Assembly 2020 (27th May 2020) u l-FestivALDA (25th, 26th May 2020) f'Pula l-Kroazja. Is-Sindku propona li bħala Kunsill Lokali tal-Birgu nuru interess li nattendu iżda kollox jiddependi mis-sitwazzjoni mill-imxija tal-COVID-19. Il-kunsilliera preżenti qablu unanimament.

17.5.44 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sur Joseph Ellul, Kap tal-Kulleġġ ta' Santa Margerita, sabiex il-Kunsill Lokali tal-Birgu jiffinanzja parti mis-somma ta' tlett mitt Ewro (€300) għall-ktieb ta' poeżiji miġbura minn Martha Agius, tfajla mill-Birgu. Is-Sindku flimkien mal-kunsilliera preżenti qablu unanimament sabiex dawn jitħallsu fit-total kollu mill-Kunsill Lokali tal-Birgu.

17.5.45 Preżentata l-korrispondenza dwar it-*Tender for the service of Contracts Manager* mal-Kunsill Lokali tal-Birgu. Is-Sindku nforma lill-kunsilliera preżenti li fadal xi dettalji li jridu jintbagħtu u wara tkun tista toħroġ din is-sejħa.

17.5.46 Preżentata korrispondenza mibgħuta mill-Assoċjazzjoni ALDA dwar il-proġett tal-ERASMUS+ *SPORT – Small Collaborative Partnership*. Is-Sindku nforma lill-kunsilliera preżenti li f'isem il-Kunsill Lokali tal-Birgu, urejna interess għal dan il-proġett iżda t-talba ġiet irrifjutata minħabba raġunijiet ta' loġistika tal-proġett.

**17.6 Komunikazzjoni mis-Sindku**

17.6.1 Ma kien ebda komunika mis-Sindku.

**17.7 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

17.7.1 Is-Sur Anton Gellel staqsa jekk id-donazzjoni ta' mitt Ewro (€100) lis-Sinjorina Riona Dimech bħala support lilha bħala Miss Vittoriosa, ingħatatx. Is-Sindku wieġeb li s'issa din għadha ma ħarġitx u staqsa lis-Sur Anton Gellel biex jieħu ħsieb jitkellem mal-persuna konċernata biex jara x'ser jiġri minħabba s-sitwazzjoni preżenti.

**17.8 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa intemmet fis-sebgħa u nofs ta` filghaxija (7.30pm). Is-seduta li jmiss tal-Kunsill Lokali tal-Birgu se ssir it-Tnejn 13 ta` April 2020 fil-ħamsa u nofs ta` filgħaxija (5:30pm).

Konfermati illum: **13 ta' April 2020**

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| John Boxall | Christian Lawrence Raggio Vella |
| Sindku | Aġent Segretarju Eżekuttiv |